**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 09**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Daniel Ablett
Nicholai Falzon
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo
Doris Zammit

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**09.1** **TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**09.2** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

Ma kienx hemm ittra ta' apoloġija minħabba li il-membri kienu kollha preżenti.

**09.3** **Minuta Silenzju**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab sabiex tinżamm minuta silenzju f'għeluq l-anniversarju mill-mewt tal-ex Sindku Renald Falzon

**09.4** **Approvazzjoni tal-Minuti Nru 07 u 08**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 07 u 08 li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

**09.4.1** **Emendi fil-minuti**

Ma kien l-ebda emenda għall-minuti Nru 07 u 08

**09.5** **Skeda ta' Ħlasijiet**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2024.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** issekonda l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2024 u l-iskeda tal-Petty Cash għax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2024.

**09.6 Komunikazzjoni tas-Sindku**

**09.6.1 Skema Lokalitajiet Sostenibbli – Proġett Triq San Bartolomew u il-Parti ta' Isfel ta' Triq il-Vitorja**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li wara li il-Perit tal-Kunsill ċċertifika li nofs il-proġett jinsab lest, il-Ministeru għal Ambjent, Enerġija u Intrapriża għadda lil Kunsill Lokali it-tieni u it-tielet pagamenti li jammonta għas-somma ta' €92,637.98 nhar il-5 ta' Novembru 2024. Is-Sindku fakkar li l-ewwel pagament għal-ammont ta' €138,956.98 kien ingħata lil Kunsill fl-14 ta' Diċembru 2022.

Is-Sindku nforma lill-membri li il-kuntrattur ħareġ u baqalu joħroġ somma kbira ta' flus f'materjal sabiex qed isir il-proġett. Għaldaqstant qed jipproponi illi il-Kunsill japprova li jagħti is-somma ta' €100,000 lil Kuntrattur bħala *payment on account*.

Il-Membri qablu li il-Kuntrattur jitħallas l-ammont ta' €100,000 on account.

**09.6.2 Pelican Lights fejn Dar Bjorn**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li Transport Malta ma aċċettatx it-talba li isiru Pelican lights fejn Dar Bjorn u minflok issuġġeriet sabiex issir *Raised Humped Belisha Crossing*. Is-Sindku nforma li il-fatt li qeda quddiem Dar Bjorn u joħorġu bil-wheelchairs irridu naraw ikunx idejali li napplikaw għal humped zebra crossing hemmhekk.

**09.6.3 Bord tal-Għażla tas-Segretarju Eżekuttiv**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li is-Sur Mario Fava issuġġerixxa lis-Sur John Mallia u lis-Sinjorina Lianne Cassar sabiex iservu fuq il-bord tal-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv.

Il-membri kollha qablu ma' din l-għażla.

**09.6.4 Xogħlijiet ta' Manutenzjoni Offruti mir-Reġjun Nofsinhar - Sena 2025**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li ir-Regjun Nofsinhar bagħat sejħa għal xogħlijiet minuri fil-lokalità għas-sena 2025.

Ix-xogħol propost huwa:

- Xogħol ta' xkatlar, żebgħa u tikħil fuq ħitan jew bankijiet

Is-Sindku nforma li bħala Kunsill Lokali weġibna mill-ewwel għas-sejħa u tlabna li meta ikun imiss Hal Qormi isir xogħol ta' xkatlar, żebgħa u tikħil fuq ħitan ta' open spaces / ġonna madwar Hal Qormi.

**09.6.5 Restawr tal-Mitħna fi Triq il-Mitħna**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-Awtorita tal-Ippjanar infurmat lil Kunsill Lokali li issa li għandha id-dokumenti kollha kif meħtieġ u l-applikazzjoni hija kompluta, id-deċiżjoni tal-applikazzjoni trid tingħata sal-11 ta' Diċembru 2024.

**09.6.6 Dawl tal-Milied**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li l-għaqdiet lokali ġew mitluba sabiex jibgħatu ir-rendikont għal-armar tad-dawl tal-Milied li tħallsu extra fis-sena 2023 l-Għaqdiet irrispondew kif ġej:

Għaqda Armar San Bastjan nfurmat lil Kunsill li is-sena l-oħra żiedet:
- 6 forom tal-anġli
- 6 ħbula tad-dawl (twinkle lights) twal 4 metri

Kumitat Festi esterni infurmaw lil Kunsill li is-sena l-oħra żiedu
- disinji fuq il-linji eżistenti fi Triq il-Kbira
- ramaw Triq Kardinal Xiberras bl-armar tar-residenti għaliex ir-residenti ma jistgħux jarmawha aktar.

Għaqda Anici infurmaw lil Kunsill li is-sena l-oħra żiedu Triq Pinto bejn Triq Dun Gwakkin Schembri u Triq il-Vitorja

Is-Sindku nforma li fis-snin li għaddew il-kunsill ikkummissjona madwar € 10,000 lill-kuntrattur privat sabiex idawwal it-toroq tal-lokalita', is-sena l-oħra, cioe 2023 iċ-ċifra niżlet għal €5000 lill Kuntrattur privat u €3600 lill għaqdiet lokali biex żidu l-armar tal-milied li fl-aħħar mill-aħħar jibqa' tal-lokalità. Is-Sindku spjega li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill din is-sena mhux se jkun qed jikkummissjona s-somma ta' € 5000 lil-kuntrattur.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona li t-tiżjin tal-milied jiġi ikkummissjonat biss lil Għaqdiet kif ġej. Din il-lista hija sabiex jintrama id-dawl tal-Milied li jinkludu preparamenti, manutenzjoni, armar, makkinarju, żarmar tad-dawl fit-toroq li kien eżistenti u dak li sar ġdid fis-sena 2023.

L-Għaqdiet għandhom jippreżentaw invoice Servizz lil Kunsill għall-armar dawl tal-Milied u l-ammont jingħata kif ġej:

- Għaqda Soċjo-Muzikali Anici - € 800 inkluż l-armar ġdid ta' 2023
- Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri - € 600 (l-istess bħas-sena l-oħra għaliex ma kellhomx armar ġdid fi 2023)
- Kumitat Festi Esterni - € 1100 biex jintrema l-armar eżistenti fi Triq il-Kbira (bejn il-Knisja Arcipretali u Triq Santa Katerina) u Triq il-Kolleġġjata u Triq Kardinal Xiberras (bl-armar tar-residenti)
- Għaqda Armar San Sebastjan - € 2000 inkluż l-armar ġdid ta' 2023

L-Għaqda Armar San Bastjan tarma Triq San Bastjan mill Pompa sal-knisja z-żgħira, Triq San Bastjan bejn iz-zewg statwi tal-ġebel, Triq San Bartilmew bejn il knisja z żgħira u sa quddiem il knisja arċipretali u Triq San Bartilmew min naħa tal-pjazza san-naħa tal MUSEUM.

L-Għaqda Muzikali San Gorg Martri tarma 5 linef u siġra tal-milied kbira fin-nofs bil-fustuni mdawwrin fi Pjazza San Frangisk u set tad-dawl fi Triq il-Kbira bejn Triq Santa Katerina u Pjazza San Frangisk

Kumitat Festi Esterni jarmaw disinni tad-dawl fi Triq il-Kbira bejn il-Knisja sa Triq Santa Katerina u Triq il-Kolleġġjata u din is-sena se tiżdied Triq Kardinal Xiberras (bl-armar tar-residenti) u armar ġdid li sar is-sena l-oħra biex imtliet Triq il-Kbira.

Għaqda Soċjo-Muzikali Anici tarma Triq Pinto (min ma Triq Dun Gwakkin Schembri sa Triq il-Vitorja), Triq Dun Gwakkin Schembri u Triq il-Vitorja (min ħdejn il-klinika sa ħdejn il-posta).

09.6.7 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet lil Għaqdiet sabiex jipproponu siti ġodda fejn jarmaw id-dawl tal-Milied din is-sena 2024.

L-Għaqda Armar San Sebastjan bagħtet proposta għal-armar ġdid bl-ammont rikjest ikun ta' €1800 sabiex tinxtara il kelma Citta Pinto u tiġi armata quddiem il Kunsill, jinħareġ sett ta disinji bi dwal ġodda għal Triq il-Vitorja (mill-Kunsill Lokali sa quddiem il knisja Arċipretali), liema talba ma tinkludiex spejjez relatati mal-uffiċjal tal-infurzar waqt l-armar u mas-servizz tad-dawl temporanju li għalih irid japplika u jħallas għalihom il-kunsill.

Għaqda Soċjo-Muzikali Anici bagħtet proposta għal-armar ġdid bl-ammont rikjest maqbul fil-Kunsill ikun dak ta' €1600 (*jiġu ippreżentati irċevuti) sabiex* jinxtara u jinħareġ sett ta' dwal ġodda għal Triq il-Vitorja minn fejn Brown's sa ħdejn il-posta.

**09.6.8 Regjun Nofsinhar Komunikat – Skema t'Għajnuna Finanzjarja Milied 2024**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar informa lill-Kunsilli fi ħdanu li nieda Skema ta' finanzjament b'għajnuna diretta għall-Milied 2024 maħruġa mill-istess Reġjun.

Għal dan il-għan il-Kunsill Reġjonali ser ikun qed jalloka s-somma t'2000 Ewro lil kull Kunsill bħala fondi f'għajnuna diretta fuq waħda minn dawn l-inizjattivi indikati hawn taħt:

- Tiżjin li jinkorpora fih it-toroq u l-ġonna pubbliċi,
- Wirjiet ta' presepji,
- Villaġġi tal-Milied u l-attivitajiet relatati magħhom,
- Kompetizzjonijiet ta' wirjiet tal-presepji u faċċati tad-djar privati.
- Tiżjin tal-Milied fuq binjiet pubbliċi bħal faċċati tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento għaldaqstant qed jinforma li il-ħlas għat-tiżjin ta' Triq il-Vitorja mill-Kunsill sal-Knisja ta' San Bastjan msemmi aktar qabel se jiġi rifondut mir-Regjun Nofsinhar u dan sabiex inkomplu innaqsu mill-ispejjeż tal-kunsill.

**09.6.9 Airconditioning Unit Day Centre**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali reġa' rċieva korrispondenza mingħand l-Active Ageing Unit rigward l-installazzjoni tal-Aircondition Units fid-Day Centre. Dawn qed jinfurmaw li minħabba is-sistema tal-pipijiet l-Aircondition ma jistax isir wall mounted.

Id-Dipartiment tal-Anzjanita Attivita qed jipproponi li huma lesti li jħallsu sabiex jinbidlu iż-żewg units li hemm mas-saqaf jekk il-Kunsill Lokali jaċċetta li jħallas it-tielet wieħed li jinsab bil-ħsara. L-Ispiża għal aircondition unit wieħed hija dik ta' €1,400.

Il-membri ma qablux li jitħallas wieħed mill-airconditions kif spjegat hawn fuq.

**09.6.10 Double Yellow Lines Triq Santu Rokku**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara diversi talbiet min residenti fi Triq Santu Rokku qed jipproponi li mal-ħajt tax-xellug bejn Triq San Bastjan u Triq il-Kunċizzjoni jerġgħu isiru double yellow lines fejn kien hemm qabel u tneħħew, minħabba li kienu mingħajr approvazzjoni ta' Transport Malta.

Il-membri qablu li imorru għal-vot.

Ivvutaw favur 7 membri; is-Sindku Dr Josef Masini Vento u il-Kunsilliera Xandru Mallia, Daniel Ablett, Nicholai Falzon, Fiona Borg Lewis, Marvin Zammit u Elke Cassar Sghendo.

Ivvutaw kontra 4 membri; il-Kunsilliera Ralph Puli, Jurgen Abela, Alessio Decarlo u Doris Zammit.

**09.6.11 Sinjali mal-art fi Triq l-Isqof Scicluna c/w Triq Pinto**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill kellu diversi talbiet sabiex fi Triq l-Isqof Scicluna kantuniera ma Triq Pinto viċin Ta' Kalc Bakery isiru sinjali mal-art forma ta' roundabout simili għal bħal ta' Triq Amleto Spiteri (fejn Gwido tax-Xorb).

Il-membri qablu sabiex minflok humped roundabout isiru repaints tal-istess marki li hemm eżistenti u fit-triangle tan-nofs isiru sinjali mal-art qisom lasktu il-fuq mit-tarmak. Il-membri talbu sabiex jitwaħħlu ukoll tabelli biex ma jidħlux trakkijiet min Triq il-Ħelsien lejn Triq l-Isqof Scicluna.

**09.6.12 Trakkijiet tal-iskart**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara talba tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, ir-Regjun Nofsinhar nfurmana li il-medja tan-numru ta trakkijiet li jagħtu servizz f'Hal Qormi huwa 14.

Ir-Regjun Nofsinhar informa li it-tip ta vettura li għanda tintuża ma tiġix speċifikata fil-kuntratt, il-kuntratt isemmi li l-iskart għandu jinġabar mit-toroq kollha u f'każijiet fejn trakk ma jistax jidħol (bħal sqaqien jew toroq dojoq) irid jagħmel arranġamenti biex inkun ċert li l-iskart jinġabar.

**09.7 Ħwejjeġ Oħra**

**09.7.1 Kuncert Għaqda Soċjo-Muzikali Anici**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara talba mill-Għaqda Soċjo-Muzikali Anici lill-kunsill preċedenti sabiex il-kunċert bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, li kien propost li isir fis-sena 2024 skont il-ftehim mal-Baned, isir fis-sena 2025, l-Għaqda Socjo-Muzikali Anici nformat lil Kunsill li il-Kunċert ser isir is-Sibt 1 ta' Frar 2025 u dan fl-okkażżjoni tal-20 sena anniversarju tas-surmast tal-istess Għaqda Soċjo-Muzikali Anici.

**09.7.2 Isem tat-triq f'Wied il-Kbir**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kumitat għal-Ismijiet tat-toroq fakkar lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li fl-2020 kien hemm talba mill-Kunsill sabiex it-triq ta' Wied il-Kbir tissemma Triq il-Vittmi tal-Piroteknika. Il-Kumitat għal-Ismijiet tat-toroq talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex il-Kunsill japprova tali isem u tintbagħat applikazzjoni uffiċċjali.

Il-membri ma qablux ma din il-proposta u qablu li Triq Wied il-Kbir tibqa' tissejjaħ kif inhi.

**09.7.3 Isem tat-triq - Triq il-Vittmi tal-Piroteknika**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona biex il-parti residenzjali ta' Triq H'Attard tiġi imsejjħa Triq il-Vittmi tal-Piroteknika. Hekk sabiex Triq Ħ'Attard tkun biss mill-bidu tal-għelieqi sa' Triq il-Ħofor.

Il-membri kollha qablu li jiġi infurmat il-Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq b'din il-proposta.

**09.7.4 Isem tat-triq - Sqaq fi Triq San Stiefnu**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona biex l-ewwel sqaq fi Triq San Stiefnu jibda jissejjaħ Sqaq San Stiefnu Numru 1.

Il-membri kollha qablu li jiġi infurmat il-Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq b'din il-proposta.

**09.7.5 Ismijiet ta' Toroq fi Triq it-23 ta' April (3 daħliet/sqaqien)**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq fil-bidu ta' din is-sena kien għamel talba lil Kunsill sabiex tliet daħliet fi Triq it-23 ta' April jingħataw tliet ismijiet differenti.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qed jipproponi li dawn jissemmew kif ġej:

**Triq Dun Pawl Genovese –** dan l-isem ġie ippproponut mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq stess .

**Triq Mario Baldacchino** artist li miet fil-31 ta' Awwissu 2024. Is-Sur Baldacchino kien pitter għad kbir ta' xogħolijiet li żejnu il-knejjes f'Malta, kif ukoll diversi opri għal djar privati.

**Triq it-Tabib Cefai –** tabib li serva lil Qriema tul ħajtu. It-tabib Cefai kien tabib maħbub. Huwa kien joqgħod fi Triq Kardinal Xiberras, viċin il-Knisja ta' San Gorg.

Il-membri kollha qablu li jiġi infurmat il-Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq b'dawn il-proposti.

**09.7.6 Jinbidel isem tat-Triq iż-Żebbuga**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kumitat għal-Ismijiet tat-toroq talab lill Kunsill Lokali sabiex Triq iż-Żebbuġa tingħata isem ieħor minħabba li diġà hemm Misraħ iż-Żebbuġ.

Il-membri qablu li Triq iż-Żebbuga tiġi msemmija **Triq Zaren Borg (Ta' Fantin).** Is-Sur Borg kien ħaddiem tax-xatt, jirrappreżenta il-ħaddiema tax-xatt u tal-Port u Transport tal-General Workers Unit u kien joqgħod 78 Triq il-Barrakki u dan l-aħħar kien mar joqgħod fi Vjal De La Cruz.

Il-membri kollha qablu li jiġi infurmat il-Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq b'din il-proposta.

**09.7.7 Triq il-Venerabbli Tereza Spinelli**

Il-Kunsillier Doris Zammit ipproponiet sabiex parti min Triq San Beneditt u (bejn it-taraġ li jagħti għal Triq Anici u Triq San Bartolomew) il-parti li tiġi fuq wara tal-kunvent tas-Sorijiet Agostinjani tiġi imsejjħa Triq il-Venerabbli Tereża Spinelli.

Il-membri kollha qablu li jiġi infurmat il-Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq b'din il-proposta.

**09.7.8 Santa's House**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-kunsill talab lil Għaqdiet sabiex jipproponu affarijiet għat-tiżjin tal-Milied.

Il-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjanizi tawna kwotazzjoni sabiex issir Santa's House. Liema Santa's House hija proposta li tkun 8 piedi x 8 piedi x 8 piedi għoli. Din se tkun magħmulha mill-injam fuq frame tal-ħadid. Is-saqaf għandu ikun tal-plastik transparenti bid-dawl fuqu. L-art tkun tapit aħmar. It-talba hija ta' €3160.

Il-membri kollha qablu li issir din is-Santa's House.

**09.7.9 Talbiet għal rimbors minħabba ħsara fi Triq il-Wied**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda talba għal rimbors mingħand is-Sur Jonathan Cortis minħabba ħsara ta' €360 li sofra minħabba li laqat il-bankina fi Triq il-Wied waqt li kienet nieżla ix-xita nhar l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2024 fis-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li kif rċeviet l-email bit-talba għal-kumpens talbet lis-Sur Cortis sabiex jippreżenta rapport tal-pulizija.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li saret spot check fuq il-post u ivverifikat li tali bankina hija bankina li saret diversi snin ilhu u li hija bankina normali u li qatt ma kien hemm ilmenti jew inċidenti irrapportata fit-tali post.

Saret diskussjoni bejn il-Membri u ġie deċiż li il-Kunsill ma jaċċettax it-talba għal-kumpens u sabiex immedjatament jiġi infurmat is-Sur Cortis bid-deċiżjoni u jissugerilu li jiftaħ claim mal-Insurance tiegħu għal-tali ħlas.

**09.7.10 Direct Orders Servizzi Klerikali**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-kunsill li id-Deputat Segretarju Eżekuttiv inġibditilha l-attenzjoni mill-Assistant Diretturi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali is-Sur Kurt Scerri li il-Kunsill Lokali ma jistax jixtri servizzi klerikali inkluż dak tal-customer care.

Il-membri qablu li il-kunsill ma jagħtix direct orders f'dan ir-rigward u minflok, meta ikun hemm bżonn, toħroġ sejħa għall-part time assistant clerk skala 18.

**09.7.11 Kompetizzjoni Kartolina tal-Milied**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lil membri li il-Kunsill irid jaħseb għal rigal għar-rebbieħ tal-Kompetizzjoni li nieda għall-isbaħ Kartolina tal-Milied.

**09.7.12 Double Yellow Lines quddiem garaxx fi Triq Kardinal Xiberras**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-kunsill rċieva ittra legali sabiex double yellow lines li tneħħew minn quddiem garaxx fi Triq il-Kardinal Xiberras jerġgħu isiru.

Il-membri qablu li dawn il-linji isiru minflok jitkomplew il-proċeduri fil-Qorti.

**09.7.13 Fratellanza Santissmu Sagrament**

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** ippreżenta korrispondenza mill-Fratellanza Santissmu Sagrament. Il-Fratellanza qed titlob lill-Kunsill għajnuna finanzjarja għaċ-ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tal-450 sena anniversarju.

Il-Kunsillier Abela kien infurmat illi il-Kunsill Lokali ma jistax joħroġ tali fondi u talbuh iwassal il-messaġġ biex il-Fratellanza tapplika għal skemi li joħroġ il-Gvern għall-għaqdiet.

**09.7.14 Parkeġġ fi Triq il-Kbira fejn Bottega San Giorgio**

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** talab sabiex il-parkeġġ li kien jintuża mill-karozzi tal-linja fejn il-Bottega San Giorgio jigi organizzat għal-vetturi iżgħar.

Il-membri qablu li isiru sinjali mal-art u jiddaħħlu parkeġġi djagonali kemm min naħa ta' Triq il-Kbira u anke minn naħa ta' Triq il-Kolleġġjata.

**09.7.15 Mill-Ġulbiena sal-Milied**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat fhiex waslu il-preparamenti għall-attività Mill-Ġulbiena sal-Milied.

Il-membri qablu sabiex il-Kunsill jagħmel reklamar fuq Facebook għal-total ta' 100 euro.

**09.7.16 Bankina Triq Mifsud Ellul**

Il-Viċi Sindku Xandru Mallia talab sabiex il-Kunsill Lokali japplika ma' Transport Malta sabiex fi Triq Mifsud Ellul in-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kbira issir bankina ta' 1.2 metri.

**09.7.17 Żvilupp fi Triq il-Kummerċ**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-kunsill rċieva korrispondenza mingħand residenti fi Triq il-Kummerċ rigward applikazzjoni għall-iżvilupp fi Triq il-Kummerċ.

Il-membri qablu li il-kunsill jivverifika jekk l-art hiex qeda fuq art ODZ u jekk ikun il-każ il-Kunsill jirriserva id-dritt li joġġezzjona għal tali żvilupp.

**09.7.18 Premju INT**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat il-membri li qeda taħdem fuq il-Premju INT 2025. Is-Sinjura Zammit nfurmat li kitbet l-uffiċċju tal-President u talbet sabiex tingħata data meta l-Eċċellenza tkun tista.

**09.7.19 Kittieb Andrew Sciberras**

**Il-Kunsillier Nicholai Falzon** informa lill-membri li iltaqa' mal-Kittieb Andrew Sciberras. Sciberras huwa kittieb Qormi u is-Sur Falzon talab lill-Kunsill jekk jistax jixtri xi kotba mingħand Sciberras.

Il-membri qablu li il-Kunsill jixtri b'mitt euro kotba mingħand is-Sur Sciberras, kemm il-darba dan jippreżenta fattura għal tali xiri u irċevuta fiskali.

**09.7.20 Servizz mill-Priġunieri**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** informat lill-membri li tkellmet mal-Maġġur tal-Ħabs is-Sur Noel Buttigieg sabiex il-Kunsill Lokali ikun jista' japplika biex jingħata servizz mill-priġunieri.

**09.7.21 Tiswija ta' Qtates**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** informat lill-membri li bħalissa għaddejjin bil-kampanja tat-tiswija tal-qtates bl-għajnuna tal-animal welfare steward tar-Regjun Nofsinhar. Is-Sinjura Cassar irringrazzjat lill-membri tal-Għaqda tan-Nar ta' San Gorg li ħallsu u taw donazzjoni sabiex ikunu jistgħu jissewwew il-qtates li hemm viċin il-Kamra.

**09.7.22 Infrastructure Project Manager**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** qed tipproponi li il-Kunsill Lokali ikollu Infrastructure Project Manager biex ikun jista imur fuq il-proġetti infrastrutturali tal-Kunsill.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sinjura Cassar Sghendo li il-Perit tal-Kunsill inkarigata fuq il-proġett ta' fejn il-Knisja qed tagħmel xogħol tajjeb ħafna u qed tkun hands on ma kull ilment, filwaqt li tinżel u tiċċekkja il-Perit stess fuq il-post.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li fiċ-ċirkustanzi finanzjarji tal-Kunsill, ma għandux jitqabbad tali Project Manager.

**09.7.23 Attività tal-Karnival**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet li fi 28 ta' Frar fit-8.30 ta' filgħaxija issir attività tal-Karnival. Is-Sinjura Borg Lewis semmiet li hemm fond ta' 5 elef li il-Kunsill jista japplika għalih.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nfurmat lis-Sinjura Borg Lewis li il-fond ta' 5 elef mhux ser ikun biżżejjed biex jitħallsu il-parteċipanti u li spejjez l-oħra li ikun hemm bżonn bħal crowd barriers, uffiċċjali tal-infurzar, PA System etc.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie diskuss li il-ħin propost mhuwiex ħin idejali biex jiġu il-familji. Minkejja dan, il-membri qablu li jekk is-Sinjura Borg Lewis tiġbor stimi u jirnexxilha itella l-attività bil-budget ta' 5 elef, l-attività issir kif propost mis-Sinjura Borg Lewis.

**09.7.24 Resurfacing ta' Toroq minn Infrastructure Malta**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lill-membri li Triq Guze Duca se tingħata wiċċ bit-tarmak sal-aħħar ġimgħa ta' Novembru, filwaqt li Triq Mdina se tingħata wiċċ sa nofs Diċembru 2024.

**09.7.25 Bankina Triq San Bartolomew u Vitorja**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li fil-ġimgħat li ġejjin se jiġi fi tmiemu il-proġett tal-bankina ġdida quddiem il-Knisja San Bastjan. Is-Sindku irrimarka li hija gidba li tnaqqsu il-parkeġġi, iżda in-numru ta' parkeġġi inżamm l-istess. Irrimarka ukoll li hija gidba li ser isiru imwejjed u siġġijiet.

Il-Kunsillier Daniel Ablett irrimarka li it-triq se tibqa kif kienet, tibda b'single u tkompli b'double lane. Il-vetturi waqt funerali u tiġijiet minflok se jibqgħu jipparkjaw fit-triq, ser jipparkjaw fil-parkeġġ iddisinjat għalihom u li filfatt diġà beda jintuza.

**09.8 MOZZJONI NRU 07/2024 (IX)**

**Mozzjoni sabiex issir laqgħa pubblika minħabba li fi Triq Dun Rene Cilia se tinbena lukanda u restorant.**

Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Elke Cassar Sghendo

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** tipproponi sabiex il-pubbliku għandu jiġi mgħarraf dwar żvilupp ta' lukanda 3-star u restorant class 4D, li se ssir fi Triq Dun Rene Cilia bin-numru tal-applikazzjoni PA/07217/24.

Il-Kunsilliera kollha issekondaw din il-Mozzjoni.

Il-membri kollha qablu li din il-laqgħa issir it-Tlieta 19 ta' Novembru fis-6.00 ta' filgħaxija fuq iz-zuntier tal-Kappella ta' Santa Marija Fuq tal-Blat. Ir-residenti kollha tal-madwar għandhom ikunu infurmati b'din il-laqgħa.

Ivvutaw favur il-kunsilliera kollha preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra (0) u ma kien hemm l-ebda (0) astensjoni.

Mozzjoni NRU 07/2024 (IX) ġiet approvata.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fl-10.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***7 ta' Jannar 2025***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr)<br>Sindku | Marilyn Baldacchino Gatt<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |